**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 84 – IT-TNEJN, 8 TA' MEJJU 2017 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier (6.00pm) |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 83**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 83**

2.1 Kien hemm qbil li l-website l-ġdida tal-Kunsill għandha tiġi uploaded fil-ġimgħa ta' Jum San Ġwann.

**3 Pagamenti Numru 74**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Approvazzjoni Audited Accounts 2016**

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-audited accounts preżentati. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn l-audited accounts. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward Ċirkolari 9/2017 rigward fondi kulturali. Kien hemm qbil li l-membri għandhom jaħsbu fuq din u d-deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

5.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Salvatore Mousù ġie elett fil-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara fl-elezzjoni każwali li seħħet meta irriżenja s-Sur Simon Ellul Sullivan. Il-Kunsill jawgura lis-Sur Mousù kif ukoll jirringrazza lis-Sur Ellul Sullivan għall-ħidma tiegħu.

5.3 Il-Kunsill innota li nħarġet enforcement notice lill-resident li għandu bieb miftuħ fuq il-Cart Ruts.

## 6 Korrispondenza

6.1 Ġiet innutata talba biex jitneħħew siġar minn Triq il-Buqrajq minħabba residenta li qed tbati minn allerġija. Kien hemm qbil li jitneħħew biss is-siġar mimosa minħabba li huma siġar invasivi.

6.2 Ġiet innutat talba minn Prodent Dental Clinic għal alighting / boarding fi Triq in-Naxxar. Ġie innutat ukoll li din it-talba waslet wara li l-istess ażjenda talbet biex l-ewwel isir blue sticker reserved u ftit wara reserved għat-tabib li t-tnejn ġew irrifjutati mill-Kunsill u minn TM. Kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tiġix aċċettata.

6.3 Il-Kunsill innota korrispondenza minn resident fejn qed jilmenta rigward Next Bike Station li saret fi Triq Sant'Andrija kantuniera ma' Triq il-Qrempuċ.

Is-Sur Trevor Fenech daħal għal-laqgħa fis-6.00pm

6.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret site visit minn uffiċjali tal-MTA, il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2017 u ġejna nfurmati li din il-ġimgħa ser jibda x-xogħol ta' tindif fil-Cart Ruts kif ukoll għandu jibda xogħol ta' tibdil tal-fence kif ukoll għandha ssir applikazzjoni lil PA biex isir viewing platform.

6.5 Kien hemm qbil biex jinkera skip għal Clean up f'Wied Ghomor is-Sibt, 27 ta' Mejju 2017.

6.6 Kien hemm qbil unanimu biex il-Kunsill jiffirma l-agreement mal-Kunsilli Lokali tas-Swieqi, ta' San Ġiljan u ta' tas-Sliema biex tinħareġ sejħa komuni għal xogħlijet tad-dawl tat-toroq.

6.7 Kien hemm qbil li jsiru keep fit classes organizzati mill-Kunsill. Kien hemm qbil li dawn isiru bi prova u tinkera s-sala tal-Gloss għal 8 lezzjonijiet bi spiża ta' 160 Ewro. Il-prezz għal min japplika għal dawn il-keep fit classes ikun issussidjat.

6.8 Kien hemm qbil li jiġi ffinanzjat kors tal-kompjuter għas-Segretarju Eżekuttiv. L-ispiża għandha tkun ta' 250 Ewro.

## 7 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li qabdet il-bozza ta' Triq il-Ġojjin u li twaħħal l-arblu għall-bozza ġdida fejn id-dog park.

6.1.1 Hu ippropona biex Mertu San Gwann jingħata lil Wirt San Gwann, lis-Sur Ray Storace kif ukoll lis-Sur Victor Fenech li huwa awtur.

6.1.2 Ippropona wkoll biex titneħħa s-sleeping policeman minn Triq Salvu Busuttil. Ma kienx hemm qbil fuq din.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet biex issir camera live online waqt il-festa tal-lokal. Għandha tinġabar stima biex din issir kif ukoll tintalab permess mill-Kappillan.

6.3 Is-Sur Trevor Fenech esprima li ma jaqbilx mad-deċiżjoni li jingħata 500 Ewro għat-tournament tal-football tan-nursery peress li kien hemm akter flus ivvutati għall-użu tal-isports u għalhekk seta' jingħata ammont akbar.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Ġunju 2017 fil-5.30pm.

________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**